MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-24 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 141/1992/1

Citazzjoni numru 141/92

Lucy sive Lucia, xebba Said; Emanuel Mercieca u b'digriet tad-19 ta' Frar 1996 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Mary Anne mart Carmelo Zerafa u Michael Mercieca minflok Emanuel Mercieca li miet fil-mori tal-kawza; Salvu Mercieca f'ismu u bhala mandatarju tal-imsiefra ohtu Annunziata mart Carmelo Refalo; Theresa armla ta' Pawlu Xerri; Giuseppi Xerri; Clara mart Carmelo Vella; Giusepp Mercieca u b'digriet tas-7 ta' Jannar 2003 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Indrija Mercieca, Emmanuel Mercieca, Maria Antonia Mifsud, Carmelo Mercieca, Michael Mercieca u l-istess Emanuel Mercieca f'ismu u bhala mandatarju ta' ohtu Clara Parnis attwalment residenti Melbourne, Victoria, Australia stante il-mewt ta' Giusepp Mercieca fil-mori tal-kawza; Giusepp Camilleri; Maria Concetta u Giuseppa, ahwa, xebbiet Sultana, u George Sultana; Giovanna mart Giusepp Buhagiar u b'digriet tad-19 ta' Frar 1996 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Joseph Buhagiar f'ismu u bhala mandatarju tal-imsefrin

Carmen mart Carmelo Sciberras, Victor Buhagiar, Maria mart Frank Pace u ta’ Salvu Buhagiar, Maryanne mart Angelo Abela, Victoria sive Vicky mart Raymond Vella, Lucy mart John Vella u Emanuel Buhagiar bhala eredi ta’ missieru Emanuel Buhagiar minflok Maria Giovanna Buhagiar li mietet fil-mori tal-kawza, Luigi Mercieca f’ismu proprju kif ukoll bhala mandatarju ta’ l-imsiefra Maria mart Emanuel Axiak u b’digriet tad-19 ta’ Frar 1996 il-gudizzju gie trasfuz f’isme Josephine mart Joseph Sultana, Maria mart Carmelo Xuereb, Michael Mercieca u Antonia mart George Farrugia minflok Luigi Merceica li miet fil-mori tal-kawza, Joseph Merceica u b’digfiet tad-19 ta’ Frar 1996 il-gudizzju gie trasfuz f’isem Mary Anne mart George Grima f’isimha u bhala mandatarja ta’ l-imsefrin Victor Merciea, Carmen martVictor Tabone, Rita Buttigieg, Tarcisio Merceica, Eucharist Mercieca, Raymond Mercieca u ta’ Maria mart Saviour Vella minflok Joseph Mercieca li miet fil-mori tal-kawza, Michaelangelo Mercieca, Emanuel Mercieca, Rita mart Saviour Portelli u Theresa armla ta’ Michael Bugeja

vs

Victoria xebba Said ghan-nom u in rappresentanza ta’ ommha, Maria armla ta’ Antonio Said u dina kif nominata bhala kuratrici tal-istess Maria Said b’digriet tal-Gurisdizzjoni Volontarja ta’ Ghawdex li igib id-data tas-17 ta’ Novembru 1988 moghti fl-atti tar-rikors tal-istess Qorti li jgib in-numru 134/1989 u b’digriet tal-20 ta’ Marzu 2002 Victoria Said giet nominata kuratrici deputata biex tirraprezenta lill-imsifrin Marlene mart Ian Young, Lonza mart Joseph Mercieca u Eleonora McCarthy.

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni attrici li tghid:

Illi b'testment li sar ghand in-Nutar Francesco Gauci fil-15 ta' Frar 1952, il-Wisq Reverendu Kanoniku Dun Francesco Mercieca fit-tmien Artikolu tal-precitat testment kien halla b'titolu ta' legat lil hutu germani, Giusepp, Carmelo, Mikieli, Maria mart Carmelo Camilleri, Giuseppa mart Antonio Sultana u lin-neputi Emmanuel Mercieca bin il-mejjet Fortunato bir-ragjun ta' mis-sitta wahda (1/6) kull wiehed u bid-dritt ta' rappresentanza fil-kaz ta' premorjenza ta' xi hadd minnhom, il-lok tad-djar b'mandretta mieghu fin-numru 54, Triq Sruc, Xaghra, Ghawdex, u bil-kundizzjoni illi jekk l-istess fond ma jkunx jista' jinqasam f'aktar minn zewg porzjonijiet wara li jghaddu xahrejn mill-mewt tieghu, il-lok ghandu jigi stmat minn persuna li tifhem u kapaci u jekk l-istess legatarji jifthemu li jiehdu wiehed wahdu, dana jiehdu u lill-ohrajn ihallashom ta' sehemhom skond il-valur kif ikun stmat, jekk iridu anki bix-xorti, u jekk il-lok jaqsmuh f'zewg porzjonijiet, dawna l-porzjonijiet ghandhom jittiehdu bix-xorti minn tnejn mil-legatarji, wahda kull wiehed, u dawna jhalsu lil-legatarji l-ohra l-istima taghhom mill-valur kif ikun stmat u jekk ma tkun toghgobhom l-ebda wahda minn dawna l-kundizzjonijiet lil-legatarji, l-post ghandu jinkera u wara li jithalsu l-pizijiet ta' fuqu, jinqsam il-kumplament tal-kera bejn l-istess legatarji u li jekk kemm-il darba xi hadd mill-istess legatarji ma jikkontentax ruhu b'dawna l-kundizzjonijiet wara sitt xhur mill-mewt tat-testatur dana l-legatarju jiddekadi ruhu minn dana l-legat u s-sehem tieghu jakkrexxi lil dawk tal-ohrajn u fuq il-lok ma jkollu l-ebda dritt;

Illi b'testment iehor li sar ghand in-Nutar John Busuttil tal-31 ta' Ottubru 1958, il-Wisq Reverendu Kanoniku Dekan Francesco Mercieca fil-hames Artikolu tal-precitat testment ordna illi wara mewtu, il-lok tad-djar li jinsab Ghawdex, ix-Xaghra, Triq Sruc, numru 54, imholli minnu bhala legat lil hutu u lit-tfal ta' hutu, dana l-istess lok tad-djar ghandu jinbiegh fi zmien erba' xhur wara l-mewt tat-testatur mhux "bl-istima", kif inghad fl-ewwel testment, izda "bl-offerta" u li dana l-lok tad-djar ghandu jiehdu dak li jaghmel l-ikbar offerta fost dawk li lilhom huwa hallieh bl-istess pizijiet u li l-flus tal-bejgh jinqasmu bejn il-legatarji kollha li lilhom it-testatur kien halla l-istess lok tad-djar

b’rata ugwali ghal kull cipp u bil-kundizzjoni li jekk ma jixtrihx Antonio Said li qieghed fih, meta jinbiegh huwa obbligat johrog minn go fih u jekk fi zmien xahrejn minn meta jinbiegh, l-istess Antonio Said ma johrogx minnhu, huwa jitlef id-dritt ghal porzjoni ta’ wirt li jmissu minnu jekk Giuseppe Mercieca, hu t-testatur, ikun gia miet u l-porzjoni tieghu taqa’ fuq hut il-mara tieghu, u cioe’ Giuseppe Mercieca u Maria Said;

Illi b’kuntratt li sar fil-21 ta’ Dicembru 1989, atti Nutar Joseph Cilia, Victoria Said bhala kuratrici ta’ ommha Maria Said, bieghet u ttrasferiet lill-konvenuta l-fond hawn fuq imsemmi;

Illi l-fond hekk allegatament trasferit huwa effettivament proprjeta’ ta’ l-atturi u qatt ma kien proprjeta tal-istess Victoria Said nomine ghaliex m’huwiex minnu illi l-istess fond ilu okkupat minnha “animo domini”, kontinwament, u bla interruzzjoni ghal aktar minn tletin sena u li ghalhekk gie akkwistat b’titolu ta’ preskrizzjoni mill-istess Maria Said u ghalhekk dina Maria Said qatt ma setghet titrasferixxi l-fond de quo lill-konvenuta l-ohra Lucy sive Lucia Said;

TALBU ghaliex dina l-Qorti m’ghandhiex:

1. tordna r-rivendika tal-fond bin-numru 54, Triq Sruc, Xaghra, Ghawdex, deskritt fil-kuntratt tan-Nutar Joseph Cilia tal-21 ta’ Dicembru 1989 favur l-atturi fil-kwota tas-sehem li kull wiehed minnhom jirraprezenta.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta’ Jannar 1990 u tas-6 ta’ Frar 1990 u bl-ingunzjoni tal-istess konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa, l-lista tax-xhieda, u l-lista tad-dokumenti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

1. li c-citazzjoni kif proposta ta’ rivendika tas-sehem ta’ fond mhix legalment koncepibbli peress illi l-atturi qed

jagixxu biex jitolbu sehem meta l-azzjoni ta’ rivendika hija ghat-totalita’ tal-fond kontra t-terz possessur;

2. li mill-kawzali ta’ l-istess citazzjoni jirrizulta li ma hemmx immissjoni fil-pussess tal-legat pretiz u ghalhekk ma jistghux l-atturi jagixxu fil-kawza odjerna;

3. li t-talba mhix diretta kontra l-eredi tal-mejjet Rev. Kan. Dun Francesco Mercieca li kellhom jitharku mill-bidu stante li ma kienx hemm immissjoni fil-pussess;

4. li t-talba tal-immissjoni fil-pussess u kull kwistjoni dwar l-istess legat hija illum preskritt bl-gheluq ta’ ghaxar snin mill-mewt tal-istess decujus u ghalhekk l-atturi m’ghandhomx dritt jagixxu dwar l-istess legat peress li dan hu terminu ta’ dekadenza;

5. li minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti, l-atturi mhux intitolati in forza tat-testment ghal-legat in-natura, imma se mai ghall-sehem mill-kreditu tal-valur li kien jikkonsisti fil-valur sa zmien stipulat fit-testment, liema terminu jiffissa l-operat tal-istess legat u l-modalitajiet tieghu;

6. li t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenuti agixxew regolarment u fit-termini tad-drittijiet taghhom.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa u l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti fejn eccepew:

1. illi ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li l0-gudizzju m’huwiex integru billi l-atturi ma harrkux lill-interessati kollha fil-legat tal-fond oggett in kawza nonostante li kienu jafu minn qabel ma giet intavolata l-kawza minnhom min huma l-beneficcjarji kollha tal-fond meritu tal-vertenza li kienu gew nominati

mill-mejjet Dun Frangisk Mercieca fit-testmenti tieghu tal-15 ta' Frar 1952 in atti Nutar Francesco Gauci u tal-31 ta' Ottubru 1958 in atti Nutar John Busuttil.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kjamati in kawza Marlene Young, Lonza Mercieca, u Eleonora Mc Carthy kif rapprezentati fl-atti tal-kawza minn Victoria Said, li eccepew:

1. li t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-atturi;

2. li l-eccipjenti nomine tirrikonoxxi, bhal maggjor parti tal-partijiet f'din il-kawza u ta' ohrajn li gja rrinunzjaw ghall-wirt tal-mejjet Rev. Dun Frangisk Mercieca, li l-proprjeta' meritu ta' din il-kawza hija illum proprjeta ta' Lucy sive Lucia Said, li akkwistatu minghand ommha Maria Said, liema fond ilu zmien twil f'idejhom ghal aktar minn tletin sena.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa u l-lista tax-xhieda.

Ezaminat ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha nkluzi n-noti ta' osservazzjonijiet;

Rat il-verbal taghha tal-15 ta' Jannar 2002 u 15 ta' Ottubru 2002.

Ikkunsidrat:

Illi huwa accettat mill-kontendenti kollha li l-fond mertu l-kawza kien proprjeta' tal-Kanonku Dekan Dun Frangisk

Mercieca li miet fit-30 ta’ Awissu 1967. Mid-dokumenti in atti jirrizulta wisq car li l-imsemmi Reverendu miet testat in forza ta’ zewg testmenti datati 15 ta’ Frar 1952 u 31 ta’ Ottubru 1958 atti Nutar Francesco Gauci u Nutar John Busuttil rispettivament. L-imsemmija testmenti huma esebiti folio 23 et seq u 27 et seq fil-process.

Ghalkemm l-kawza hija wahda ta’ rivendika fejn l-atturi qeghdin jiddomandaw sehemhom limitatament pero’mil-legat lilhom imholli mill-fond 54, Triq Sruc, Xaghra, Ghawdex, li huwa biss parti mill-eredita’ li halla l-imsemmi Reverendu, huwa wisq car mit-testmenti esebiti u imsemmija illi l-werrieta tieghu giet nominata fil-persuna ta’ Caterina mart David Attard u l-fond ta’ Triq Sruc gie imholli legat lil hut ir-Reverendu li kienu Giuseppi, Carmela, Mikele, Maria mart Carmelo Camilleri, Giuseppa mart Antonio Sultana u n-neputi Emmanuel Mercieca.

Illi t-termini tal-legat tal-imsemmi fond ta’ Triq Sruc, huwa espress kif ser jinghad:

- fit-testment tal-15 ta’ Frar 1952, senjatament fit-tmien artikolu, jinghad li “t-testatur ihalli b’titolu ta’ legat lil hutu germani Giuseppi, Carmela, Mikeli, Maria mart Carmelo Camilleri, u Giuseppa mart Antonio Sultana, u lin-neputi Emanuele Mercieca bin il-mejjet Fortunato, bir-ragun ta’ mis-sitta wahda (1/6) kull wiehed u bid-dritt ta’ rapprezsentanza fl-kaz ta’ premorjenza ta’ xi hadd minnhom imsemmi, il-lok ta’ djar b’mandretta mieghu fin-numru erba’ u hamsin (54) ta’ Triq Sruc, Xaghra, Gozo – soggett ghac-cens perpetwu ta’ hames xelini u ghaxar soldi (5/10) fis-sena u ghall-piz ta’ erba’ quddisiet letti fis-sena imhollijin u imposti fuqu mill-genituri Salvu u Annunziata gja konjugi Mercieca – liema lok ta’ djar ghandu jigi konsegwit mill-imsemmija legatarji dritt wara l-mewt tat-testatur taht dawn il-kondizzjonijiet –

- a) illi l-istess legatarji ikunu obbligati ihalsu huma t-taxxa tas-successjoni

- b) illi l-istess stabbli ma jkunx jista’ jinqasam f’iktar minn zewg porzjonijiet

– u ghalhekk it-testatur irid li qabel xejn il-lok ghandu jigi stmat minn persuna li tifhem u kapaci, jew ahjar minn bennej, u imbaghad jekk l-istess legatarji jifthemu li jiehdu wiehed wahdu, dana jiehdu u lill-ohrajn ihallashom ta' sehmhom skond il-valur kif ikun stmat – jekk iridu anki bix-xorti; u jekk il-lok jaqsmuh f'zewg porzjonijiet, dawna l-porzjonijiet ghandhom jittiehdu bix-xorti minn tnejn mill-legatarji wahda kull wiehed u dawna jhalsu lil-legatarji l-ohra l'ishma taghhom mill-valur kif ikun stmat – u jekk ma tkunx toghgobhom ebda wahda minn dawn il-kundizzjonijiet lil-legatarji l-post ghandu jinkera u wara li jithalsu l-pizijiet ta' fuqu jinqasam il-kumplament tal-kera bejn l-istess legatarji u jekk kemm-il darba xi hadt mill-istess legatarji ma jikkuntentax jiehu b'dawn il-kundizzjonijiet, wara sitt xhur mill-mewt tat-testatur, dana l-legatarju jiddekadi ruhu minn dana l-legat u s-sehem tieghu jakkrexxi lil kwota ta' l-ohrajn u fuq il-lok ma jkollu ebda dritt;

- fit-testment tal-31 ta' Ottubru 1958, in aggunta ghal dak ta' hawn fuq, senjatament fil-hames artikolu u dejjem relattivament il-lok imsemmi, l-imsemmi Reverendu jghid illi "it-testatur irid u jordna li wara mewtu l-lok ta' djar li jinsab Ghawdex, ix-Xaghra, Triq Sruc, numru erbgha u hamsin (54), li t-testatur kien halla bhala legat lil hutu u lit-tfal ta' hutu mejta kif hemm espress fit-testment citat fl-ewwel artikolu klawsola numru disgha, dan l-istess lok ta' djar ghandu jinbiegh fi zmien erba' xhur wara l-mewt tat-testatur mhux "bl-istima" kif inghad mit-testment fuq citat fl-ewwel artikolu, izda "bl-offerta" u jiehdu dak li jaghmel l-ikbar offerta fost dawk li lilhom jiena hallejtu bl-istess pizijiet li hemm fuqu u l-flus tal-bejgh jinqasam bejn dawk kollha li lilhom jiena hallejtu b'rata egwali ghal kull cipp u jekk ma jixtrihx Antonio Said li prezentement qieghed fih, meta jinbiegh huwa obbligat johrog minn go fih u jekk sa zmien xahrejn wara li jinbiegh ma johrogx minn go fih jitlef id-dritt ghall-porzjon tal-wirt li jmissu minnu jekk Giuseppe Mercieca, bin it-testatur, ikun gja miet u l-porzjon tieghu taqa fuq hut il-mara tieghu cioe' ta' Giuseppe Mercieca, Maria Said. It-testatur irid li t-taxxa tas-successjoni li tmiss lil fuq deskritt lok tad-djar cioe' dak li jinsab Ghawdex, ix-

Xaghra, Triq Sruc, numru erbgha u hamsin (54) ghandha tithallas minn dawk stess li lilhom it-testatur hallieh”.

Illi kif jirrizulta l-lok baqa’ ma nbieghx anzi b’kuntratt tal-21 ta’ Dicembru 1989 atti Nutar John Cilia, Victoria Said dehret f’isem ommha u kif debitament rapprezentata kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt bieghet il-fond lil ohtha Lucy sive Lucia Said. Ghal fini ta’ provenjenza kien dikjarat illi l-fond in kwistjoni ilu okkupat mill-imsemmija Maria Said ‘animo domini’ kontinwament u bla interruzzjoni ghal aktar minn tletin sena u ghalhekk gie akkwistat b’titolu ta’ preskrizzjoni mill-istess Maria Said. Tabilhaqq l-istess Maria Said kienet l-armla ta’ Antonio Said li jissemma’ fit-testment tar-Reverendu ossija dak maghmul fis-sena 1958 u li kien gja allura jokkupa l-fond bhala estensjoni tal-fond tieghu fuq in-naha l-ohra ta’ l-isqaq li kien jiddividi z-zewg proprjetajiet.

Apparti pero’ kull konsiderazzjoni ohra, kemm dik tal-preskrizzjoni, l-integrita’ tal-gudizzju, t-termini u l-konsistenza tal-legat, l-azzjoni attrici hi primarjament insostenibbli ghaliex l-azzjoni kellha f’kull kaz tigi diretta lejn l-eredi, l-ewwel u qabel kollox, biex issir l-immissjoni fil-pussess tal-legat, haga li ma tirrizultax bl-aktar mod assolut, lanqas meta l-atturi talbu u ottenew li jaghmlu xi kjamati in kawza biex jirrintegraw l-gudizzju. Del resto lanqas qatt ma gie dimostrat mill-atturi f’liema sehem, ossija kwota, mill-legat qeghdin jagixxu oltre li minn imkien ma jirrizulta jekk qeghdin jazzjonaw l-aventi kawza tal-legatarji originali kollha.

Illi huwa assodat u pacifiku mill-gurisprudenza li r-rivendikant ghandu jipprova t-titolu cert tieghu fuq l-oggett li tieghu qieghed jitlob r-rivendika. Fil-kaz in dizamina l-prova tal-atturi tat-titolu taghhom hija ghal kollox mankanti billi minn imkien ma jirrizulta kif u l-mod li qeghdin jazzjonaw. L-azzjoni taghhom hi wkoll intempestiva, f’kull kaz, minhabba dak li jiddisponi l-Artikolu 68 tal-Kap 364 b’daqstant li kien obbligu wkoll taghhom li jippruvaw li d-detami tal-artikolu vis-à-vis l-awturi taghhom jinsab sodisfatt.

Ghalhekk tiddeciedi l-kawza billi tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-atturi.

-------------------------------TMIEM-------------------------------